SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

28 ta' April 2022 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Direttiva 2006/112/KE – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud – Artikolu 30a(1) – Kunċett ta' 'vawċer' – Artikolu 30a(3) – Kunċett ta' 'vawċer b'użi multipli' – Bejgħ ta' karta li tagħti lid-detentur tagħha d-dritt li jibbenefika minn diversi provvisti ta' servizzi turistiċi għal perijodu limitat"

Fil-Kawża C-637/20,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (il-Qorti Amministrattiva Suprema, l-Isvezja), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Novembru 2020, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-25 ta' Novembru 2020, fil-proċedura

Skatteverket

vs

DSAB Destination Stockholm AB,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, I. Ziemele, T. von Danwitz (Relatur), P. G. Xuereb u A. Kumin, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: T. Ćapeta,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-iSkatteverket, minn A.-S. Pallasdies, bħala aġent,

– għal DSAB Destination Stokholm AB, minn U. Grefberg u M. Fri, advokater,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri u A. Maddalo, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Jokubauskaitė u P. Carlin, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Isvediż.

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukata Ġenerali ppreżentati fis-seduta tal-24 ta' Frar 2022,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 30a tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1065 tas-27 ta' Ġunju 2016 (ĠU 2016, L 177, p. 9) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-VAT").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn l-iSkatteverket (l-Awtorità Fiskali, l-Isvezja) u DSAB Destination Stockholm AB (iktar 'il quddiem "DSAB"), dwar it-trattament fiskali ta' strument ikkummerċjalizzat minn din tal-aħħar fil-forma ta' karta msejħa "citycard" (iktar 'il quddiem il-"karta inkwistjoni fil-kawża prinċipali").

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva dwar il-VAT

3 Skont l-Artikolu 2(1)(ċ) tad-Direttiva dwar il-VAT, il-provvisti ta' servizzi magħmula bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali huma suġġetti għat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

4 L-Artikolu 30a tad-Direttiva dwar il-VAT jiddisponi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) 'vawċer' tfisser strument fejn hemm obbligu li jiġi aċċettat bħala korrispettiv jew korrispettiv parzjali għal forniment ta' oġġetti jew servizzi u fejn l-oġġetti jew is-servizzi li għandhom jiġu fornuti jew l-identitajiet tal-forniturі potenzjali tagħhom huma indikati jew fuq l-istrument innifsu jew f'dokumentazzjoni relatata, inklużi t-termini u l-kondizzjonijiet għall-użu ta' tali strument;

(2) 'vawċer b'użu uniku' tfisser vawċer fejn il-post tal-forniment tal-oġġetti jew servizzi li jirreferi għalihom il-vawċer, u l-VAT dovuta fuq dawk l-oġġetti jew is-servizzi, jkunu magħrufa fil-mument tal-ħruġ tal-vawċer;

(3) 'vawċer b'użi multipli' tfisser vawċer, għajr vawċer b'użu uniku."

5 L-Artikolu 30b tad-Direttiva dwar il-VAT jipprevedi:

"1. Kull trasferiment ta' vawċer b'użu uniku magħmul minn persuna taxxabbli li taġixxi f'isimha stess għandu jitqies bħala forniment tal-oġġetti jew is-servizzi li għalihom jirreferi l-vawċer.

L-għoti nnifsu tal-oġġetti jew il-forniment innifsu tas-servizzi bi skambju għal vawċer b'użu uniku aċċettat bħala korrispettiv jew parzjalment korrispettiv mill-fornitur ma għandux jitqies bħala tranżazzjoni independenti.

Fejn trasferiment ta' vawċer b'użu uniku jsir minn persuna taxxabbli li taġixxi f'isem persuna taxxabbli oħra, dak it-trasferiment għandu jitqies bħala forniment tal-' oġġetti jew is-servizzi li għalihom jirreferi l-vawċer magħmul mill-persuna t-taxxabbli l-oħra li l-persuna taxxabbli qed taġixxi f'isimha.

Fejn il-fornitur ta' oġġetti jew servizzi ma jkunx il-persuna taxxabbli li, waqt li tkun qed taġixxi f'isimha stess, tkun ħarġet il-vawċer b'użu uniku, dak il-fornitur għandu madankollu jitqies li jkun ipprovda l-oġġetti jew is-servizzi relatati ma' dak il-vawċer lil dik il-persuna taxxabbli.

2. L-għoti nnifsu tal-oġġetti jew il-forniment innifsu tas-servizzi bi skambju għal vawċer b'użi multipli aċċettat bħala korrispettiv jew parzjalment korrispettiv mill-fornitur għandu jkun soġġett għall-VAT bis-saħħa tal-Artikolu 2, filwaqt li kull trasferiment preċedenti ta' dak il-vawċer b'użi multipli ma għandux ikun soġġett għall-VAT.

Meta trasferiment ta' vawċer b'użi multipli isir minn persuna taxxabbli li ma tkunx il-persuna taxxabbli li twettaq it-tranżazzjoni soġġetta għall-VAT skont l-ewwel subparagrafu, kull forniment ta' servizzi li jista' jiġi identifikat, bħal servizzi ta' distribuzzjoni jew promozzjoni, għandu jkun soġġett għall-VAT."

6 L-Artikolu 73a tad-Direttiva dwar il-VAT jiddisponi:

"Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 73, l-ammont taxxabbli tal-provvista tal-oġġetti jew is-servizzi pprovduti fir-rigward ta' vawċer b'użi multipli għandu jkun daqs il-korrispettiv imħallas għall-vawċer jew, meta ma jkunx hemm informazzjoni dwar dak il-korrispettiv, il-valur monetarju indikat fuq il-vawċer b'użi multipli nnifsu jew fid-dokumentazzjoni relatata, li minnu jitnaqqas l-ammont tal-VAT relatat mal-oġġetti jew is-servizzi fornuti."

Id-Direttiva 2016/1065

7 Il-premessi 2, 4 u 5 tad-Direttiva 2016/1065, li emendat id-Direttiva 2006/112 sabiex tinkludi fiha b'mod partikolari l-Artikoli 30a, 30b u 73a, jiddikjaraw:

"(2) Biex jiġi żgurat trattament ċert u uniformi, sabiex ikun konsistenti mal-prinċipji ta' taxxa ġenerali fuq il-konsum li tkun eżattament proporzjonata mal-prezz tal-oġġetti u s-servizzi, biex jiġu evitati l-inkonsistenzi, id-distorsjoni tal-kompetizzjoni, it-tassazzjoni doppja jew in-nontassazzjoni u biex jitnaqqas ir-riskju tal-evażjoni tat-taxxa, hemm il-ħtieġa għal regoli speċifiċi li japplikaw għat-trattament tal-vawċers għall-finijiet tal-VAT.

[…]

(4) Huma biss dawk il-vawċers li jistgħu jintużaw biex jissarrfu f'oġġetti jew servizzi li għandhom ikunu fil-mira ta' dawn ir-regoli. Madanakollu, strumenti li jintitolaw lit-titolar għal skont fuq xiri ta' oġġetti jew servizzi iżda li ma jagħtu l-ebda dritt li wieħed jirċievi tali oġġetti jew servizzi, m'għandhomx ikunu fil-mira ta' dawn ir-regoli.

(5) Id-dispożizzjonijiet dwar il-vawċers ma għandhom iwasslu għal ebda bidla fit-trattament għall-finijiet tal-VAT ta' biljetti tat-trasport, biljetti tad-dħul f'ċinemas u mużewijiet, bolol tal-posta jew affarijiet simili."

Id-dritt Svediż

8 L-Artikoli 30a u 30b tad-Direttiva dwar il-VAT ġew trasposti fid-dritt Svediż, b'mod partikolari, permezz tal-Artikoli 20 u 21 tal-Kapitolu 1, l-Artikolu 12 tal-Kapitolu 2, kif ukoll l-Artikolu 3c tal-Kapitolu 7 tal-mervärdesskattelagen (1994:200) (il-Liġi (1994:200) dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) tat-30 ta' Marzu 1994 (SFS 1994, Nru 200).

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

9 DSAB hija l-impriża li tikkummerċjalizza l-karta inkwistjoni fil-kawża prinċipali għat-turisti li jżuru l-belt ta' Stokkolma (l-Isvezja).

10 Din il-karta tagħti lid-detenturi tagħha d-dritt li jidħlu, matul perijodu limitat u sa ċertu ammont, f'madwar sittin attrazzjoni turistika, bħal siti ta' interess u mużewijiet. Hija tagħti wkoll aċċess għal madwar għaxar servizzi ta' trasport ta' persuni, bħal ċirkwiti mwettqa mill-karozzi tal-linja u d-dgħajjes ta' DSAB stess, imsejħa "Hop On – Hop Off" u żjarat organizzati minn fornituri oħra. Uħud minn dawn is-servizzi huma suġġetti għall-VAT b'rati ta' bejn 6 % u 25 %, filwaqt li oħrajn huma eżentati. Id-detentur tal-karta inkwistjoni fil-kawża prinċipali jużaha bħala mezz ta' ħlas sabiex jaċċedi jew juża servizz u ma jħallas l-ebda suppliment, peress li din il-karta hija sempliċement irreġistrata permezz ta' qarrej ikkonċepit għal dan il-għan. Skont kuntratt konkluż ma' DSAB, il-fornitur jirċievi sussegwentement mingħandha, għal kull aċċess jew użu, korrispettiv ugwali għal perċentwali tal-prezz normali ta' aċċess jew ta' użu. Il-fornitur ma huwiex obbligat jagħti iktar minn darba l-aċċess għas-servizzi tiegħu lid-detentur tal-imsemmija karta. DSAB ma tiggarantixxi l-ebda numru minimu ta' viżitaturi. Jekk jintlaħaq il-limitu tal-valur tal-istess karta, dan ma jistax jibqa' jintuża mid-detentur tagħha.

11 Hemm diversi verżjonijiet tal-karta inkwistjoni fil-kawża prinċipali, b'perijodi ta' validità differenti u b'limiti ta' valur differenti. Għalhekk, karta għall-adulti b'validità ta' 24 siegħa tiswa 669 krona Svediża (SEK) (madwar EUR 65). Matul il-perijodu ta' validità, id-detentur tal-karta jista' juża l-karta bħala mezz ta' ħlas sa SEK 1 800 (madwar EUR 176). L-imsemmi perijodu ta' validità jibda jiddekorri meta l-imsemmija karta tintuża għall-ewwel darba. L-istess karta għandha tintuża fi żmien sena mix-xiri tagħha.

12 Wara talba għal deċiżjoni fiskali bil-quddiem imressqa minn DSAB, l-iSkatterättsnämnden (il-Kummissjoni tad-Dritt Fiskali, l-Isvezja) iddeċidiet li l-karta inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kinitx tikkostitwixxi "vawċer b'użi multipli", fis-sens tal-Artikolu 30a tad-Direttiva dwar il-VAT. Hija b'mod partikolari tqis li mid-definizzjoni ta' "vawċer", fis-sens ta' dan l-artikolu, u mid-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kalkolu tal-ammont taxxabbli, vawċer għandu jkollu ċertu valur nominali jew għandu jirrigwarda ċerti provvisti ta' oġġetti jew servizzi speċifiċi. Skont din il-kummissjoni, minn vawċer għandu jirriżulta b'mod ċar x'jista' jinkiseb bi skambju għal dan il-vawċer, anki jekk, meta jkun involut vawċer b'użi multipli, jista' jkun hemm inċertezza dwar ir-rata tat-taxxa jew il-pajjiż ta' tassazzjoni.

13 Id-deċiżjoni bil-quddiem msemmija iktar 'il fuq kienet is-suġġett ta' rikorsi ppreżentati quddiem il-qorti tar-rinviju, kemm mill-amministrazzjoni fiskali kif ukoll minn DSAB.

14 L-amministrazzjoni fiskali ssostni li l-karta inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax tiġi kklassifikata bħala "vawċer", fis-sens tal-Artikolu 30a tad-Direttiva dwar il-VAT. Din hija forma ta' karta ta' divertiment, li l-limitu ta' valur tagħha huwa għoli ħafna meta mqabbel mal-perijodu ta' validità tagħha, li huwa qasir ħafna. Għalhekk, konsumatur medju ma jkunx f'pożizzjoni li jibbenefika mill-possibbiltajiet kollha offruti minn din il-karta. It-tnaqqis li jibbenefika minnu d-detentur tal-imsemmija karta meta mqabbel mal-prezz normali tal-attrazzjonijiet li wieħed jista' jżur huwa proporzjonali għall-grad ta' użu tagħha. Għalhekk, l-istess karta ma tistax titqies, bħala tali, li hija skambjata kontra oġġetti jew servizzi.

15 DSAB issostni, għall-kuntrarju, li l-karta inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 30a tad-Direttiva dwar il-VAT u li hija tikkostitwixxi "vawċer b'użi multipli", fis-sens ta' dan l-artikolu. DSAB tirrileva b'mod partikolari li l-forniturikkonċernati huma obbligati li jaċċettaw din il-karta bħala mezz ta' ħlas u li l-kundizzjonijiet applikabbli għad-detenturi tagħha jindikaw liema servizzi jistgħu jitħallsu bl-imsemmija karta u liema huma l-forniturita' dawn is-servizzi. L-istess karta tista' tintuża bħala korrispettiv għal servizzi taxxabbli b'rati differenti. Għaldaqstant, l-ammont tal-VAT dovut għas-servizzi li jistgħu jiġu pprovduti bħala korrispettiv tal-karta inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jkunx magħruf fil-mument tal-ħruġ tagħha.

16 F'dawn iċ-ċirkustanzi, filwaqt li kkonstatat li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet għadha ma ddeċidietx dwar l-interpretazzjoni li għandha tingħata lid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar il-VAT dwar il-vawċers u li x-xogħlijiet tal-Kumitat tal-VAT stabbilit fl-Artikolu 398 ta' din id-direttiva ma ppermettewx li jintlaħaq kunsens fir-rigward tat-trattament fiskali tal-istrumenti bħall-karta inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Högsta förvaltningsdomstolen (il-Qorti Amministrattiva Suprema, l-Isvezja) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 30a tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li karta bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tagħti lid-detentur tagħha id-dritt li jibbenefika minn servizzi diversi f'post determinat għal perijodu ta' żmien limitat u sa ċertu valur, tikkostitwixxi vawċer u, f'tali ċirkustanzi, tikkostitwixxi vawċer b'użi multipli?"

Fuq id-domanda preliminari

17 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 30a tad-Direttiva dwar il-VAT għandux jiġi interpretat fis-sens li strument li jagħti lid-detentur tiegħu d-dritt li jibbenefika minn diversi servizzi f'post partikolari, matul perijodu limitat u sa ċertu ammont, jistax jikkostitwixxi "vawċer", fis-sens tal-Artikolu 30a(1) ta' din id-direttiva, anki jekk, minħabba t-tul ta' validità limitata ta' dan l-istrument, konsumatur medju ma jistax jibbenefika mis-servizzi kollha proposti, u li, fl-affermattiv, tali strument jista' jikkostitwixxi "vawċer b'użi multipli", fis-sens tal-Artikolu 30a(3) tal-imsemmija direttiva.

18 Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, hemm lok li, għall-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma għandhomx jiġu kkunsidrati biss kliemha iżda wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li hija tagħmel parti minnha (sentenza tat-18 ta' Novembru 2020, Kaplan International Colleges UK, C-77/19, EU:C:2020:934, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

19 F'dan ir-rigward, għandu, fl-ewwel lok, jiġi ddeterminat f'liema ċirkustanzi strument jista' jiġi kklassifikat bħala "vawċer", fid-dawl tal-kliem tal-Artikolu 30a(1) tad-Direttiva dwar il-VAT.

20 Skont din id-dispożizzjoni, "vawċer" huwa strument fejn, l-ewwel, hemm obbligu li jiġi aċċettat bħala korrispettiv sħiħ jew parzjali għal kunsinna ta' oġġetti jew provvista ta' servizzi u, it-tieni, fejn l-oġġetti kkunsinnati jew is-servizzi pprovduti jew l-identitajiet tal-forniturі tagħhom jew min jipprovdihom huma indikati jew fuq l-istrument innifsu, jew fid-dokumentazzjoni relatata, b'mod partikolari fil-kundizzjonijiet ġenerali għall-użu ta' dan l-istrument;

21 Għaldaqstant, għandu jiġi vverifikat, minn naħa, jekk tali strument huwiex marbut ma' obbligu li jiġi aċċettat bħala korrispettiv totali jew parzjali għal kunsinna ta' oġġetti jew għal provvista ta' servizzi u, min-naħa l-oħra, jekk l-imsemmi strument jew id-dokumentazzjoni relatata jippreċiżawx liema huma l-oġġetti li għandhom jiġu kkunsinnati jew is-servizzi li għandhom jiġu pprovduti jew l-identità potenzjali tal-forniturі jew ta' jipprovdihom. Kif jirriżulta mill-formulazzjoni tal-punt 1 tal-Artikolu 30a tad-Direttiva dwar il-VAT, li tinkludi l-konġunzjoni ta' koordinazzjoni "u", u kif ikkonstatat l-Avukata Ġenerali fil-punt 41 tal-konklużjonijiet tagħha, iż-żewġ kundizzjonijiet imfakkra fil-punt 20 ta' din is-sentenza huma kumulattivi.

22 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet jidhru li huma ssodisfatti, fatt li madankollu għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

23 Fir-rigward tal-argument invokat mill-amministrazzjoni fiskali, li jgħid li l-karta inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax tikkostitwixxi "vawċer", fis-sens tal-Artikolu 30a(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, minħabba li konsumatur medju jkun fl-impossibbiltà li jibbenefika mis-servizzi kollha proposti, fid-dawl tat-tul tal-validità limitata ta' din il-karta, għandu jiġi kkonstatat li tali argument ma jistax jintlaqa'.

24 Fil-fatt, kif l-Avukata Ġenerali osservat, essenzjalment, fil-punt 57 tal-konklużjonijiet tagħha, mid-definizzjoni tal-"vawċer" stabbilita fl-Artikolu 30a(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, ma jirriżultax li l-perijodu ta' validità tal-karta kkonċernata jew il-possibbiltà li wieħed jibbenefika mis-servizzi kollha li huma proposti fih huma elementi rilevanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni tal-imsemmija karta bħala "vawċer", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

25 Barra minn hekk, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Gvern Taljan fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, il-ħruġ ta' strument bħall-karta inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistax jiġi kklassifikat bħala "provvista ta' servizz uniku", fid-dawl tad-diversità tas-servizzi proposti u tal-operaturi ekonomiċi terzi li jintervjenu fil-kwalità ta' forniturі.

26 Barra minn hekk, tali klassifikazzjoni tmur kontra l-għan li ġie espress fil-premessa 5 tad-Direttiva 2016/1065, peress li twassal sabiex tiġi imposta rata ta' taxxa unika fuq servizzi bħat-trasport jew id-dħul tal-mużew, li huma suġġetti għal rati ta' VAT differenti jew li huma eżentati minn din it-taxxa. Tali klassifikazzjoni tista' twassal ukoll għal tassazzjoni doppja tas-servizzi kkonċernati, anki jekk id-Direttiva 2016/1065 kellha b'mod partikolari l-għan li tevitaha, kif jirriżulta mill-premessa 2 ta' din tal-aħħar.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u bla ħsara għall-verifika msemmija fil-punt 22 ta' din is-sentenza, jidher possibbli li l-karta inkwistjoni fil-kawża prinċipali tiġi kklassifikata bħala "vawċer" fis-sens tal-Artikolu 30a(1) tad-Direttiva dwar il-VAT.

28 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-karta inkwistjoni fil-kawża prinċipali bħala "vawċer b'użi multipli", fis-sens tal-Artikolu 30a(3) tad-Direttiva dwar il-VAT, għandu jiġi rrilevat li dan il-kunċett għandu portata residwa. Fil-fatt, il-vawċers kollha minbarra l-vawċers għal użu uniku

jikkostitwixxu "vawċers b'użi multipli", konformement ma' din id-dispożizzjoni. Konsegwentement, għandu jiġi vverifikat, qabelxejn, jekk l-imsemmija karta taqax taħt il-kunċett ta' "vawċer b'użu uniku", imsemmi fl-Artikolu 30a(2) tad-Direttiva dwar il-VAT.

29 Konformement ma' din l-aħħar dispożizzjoni, "vawċer b'użu uniku" tfisser vawċer fejn il-post tal-kunsinna tal-oġġetti jew tal-provvista tas-servizzi li jirreferi għalihom il-vawċer, u l-VAT dovuta fuq dawk l-oġġetti jew is-servizzi, jkunu magħrufa fil-mument tal-ħruġ tal-vawċer;

30 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-karta inkwistjoni fil-kawża prinċipali tippermetti l-aċċess għal diversi provvisti ta' servizzi, li huma suġġetti għal rati ta' VAT differenti jew eżentati, u li huwa impossibbli li jiġi previst minn qabel liema huma l-provvisti li jintgħażlu mid-detentur ta' din il-karta.

31 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li l-VAT dovuta fuq is-servizzi miksuba mid-detentur tal-karta inkwistjoni ma hijiex magħrufa fil-mument tal-ħruġ tagħha, u dan jeskludi l-klassifikazzjoni tagħha bħala "vawċer b'użu uniku", fis-sens tal-Artikolu 30a(2) tad-Direttiva dwar il-VAT. Konsegwentement, kif l-Avukata Ġenerali rrilevat fil-punt 66 tal-konklużjonijiet tagħha, peress li, bla ħsara għall-verifika msemmija fil-punt 22 ta' din is-sentenza, din il-karta tista' tikkostitwixxi "vawċer", hija għandha tiġi kklassifikata bħala "vawċer b'użi multipli", fis-sens tal-Artikolu 30a(3) ta' din id-direttiva. It-trattament fiskali tagħha għandu jiġi stabbilit fid-dawl tal-Artikolu 30b(2) kif ukoll tal-Artikolu 73a tal-imsemmija direttiva.

32 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 30a tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li strument li jagħti lid-detentur tiegħu d-dritt li jibbenefika minn diversi servizzi f'post partikolari, matul perijodu limitat u sa ċertu ammont, jistax jikkostitwixxi "vawċer", fis-sens tal-Artikolu 30a(1) ta' din id-direttiva, anki jekk, minħabba t-tul ta' validità limitata ta' dan l-istrument, konsumatur medju ma jistax jibbenefika mis-servizzi kollha proposti. L-imsemmi strument jikkostitwixxi "vawċer b'użi multipli", fis-sens tal-Artikolu 30a(3) tal-imsemmija direttiva, peress li l-VAT dovuta fuq dawn is-servizzi ma hijiex magħrufa fil-mument tal-ħruġ tiegħu.

Fuq l-ispejjeż

33 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 30a tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2016/1065 tas-27 ta' Ġunju 2016, għandu jiġi interpretat fis-sens li strument li jagħti lid-detentur tiegħu d-dritt li jibbenefika minn diversi servizzi f'post partikolari, matul perijodu limitat u sa ċertu ammont, jistax jikkostitwixxi "vawċer", fis-sens tal-Artikolu 30a(1) ta' din id-direttiva, anki jekk, minħabba t-tul ta' validità limitata ta' dan l-istrument, konsumatur medju ma jistax jibbenefika mis-servizzi kollha proposti. L-imsemmi strument jikkostitwixxi "vawċer b'użi multipli", fis-sens tal-Artikolu 30a(3)

tal-imsemmija direttiva, peress li t-taxxa fuq il-valur miżjud dovuta fuq dawn is-servizzi ma hijiex magħrufa fil-mument tal-ħruġ tiegħu.

Firem